DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, RIĊERKA
INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DEPARTMENT FOR CURRICULUM, RESEARCH
INNOVATION AND LIFELONG LEARNING
FLORIANA VLT 2000
MALTA

## Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

**Tel:** 2598 2425 / 2598 2426 / 2598 2427 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Informazzjoni:** | X | **Data:** | 5 ta' Lulju 2017 |
| **Azzjoni:** | X | **Ref:** | DLAP 045/2017 |

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Il-Kampanja 'Aqra fis-Sajf' 2017

---

Huwa fatt magħruf li fis-sajf ħafna tfal u studenti għandhom ħabta jinsew xi jkunu tgħallmu matul is-sena skolastika u ma jħaddmux il-ħiliet li jkunu akkwistaw. Ir-riċerka turi li l-qari jista' jgħin lill-istudenti jżommu u jibqgħu jinqdew bil-ħiliet u l-kisbiet mit-tagħlim li jkunu kisbu matul is-sena. Għal dan il-għan, dan is-sajf, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol qiegħed jorganizza mill-ġdid il-kampanja **'Aqra fis-Sajf'** biex iħeġġeġ lill-istudenti kollha jaqraw kemm jifilħu. Din il-kampanja qiegħda ssir bi sħab bejn l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, l-entità Libreriji Maltin, id-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Biex il-kampanja tkun suċċess, l-istudenti jrid ikollhom il-kotba f'idejhom jew ikollhom aċċess għall-kotba. Għaldaqstant saru l-arranġamenti meħtieġa biex fis-sajf xi libreriji pubbliċi u tal-iskejjel iżidu l-ħinijiet tal-ftuħ tagħhom. Se jsiru wkoll attivitajiet ta' qari għall-gost għat-tfal u l-ġenituri/kustodji tagħhom waqt Skolasajf u fil-libreriji pubbliċi bis-sehem tal-programmi tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 'Aqra Miegħi/Read with Me', 'Seħer l-Istejjer/The Magic of Stories', 'Klabbsajf' u 'Klabb Naħla fis-Sajf'.

Ir-riċerka turi li:

- L-istudenti li jaqraw fis-sajf imorru aħjar fl-iskola.
- L-istudenti li ma jaqrawx fis-sajf jitilfu l-benefiċċji ta' daqs xahrejn tagħlim li jkunu ħadu mill-iskola.
- L-istudenti li jieħdu gost jaqraw imorru aħjar fl-iskola minn dawk li ma jiħdux.
- L-istudenti li jagħżlu huma x'kotba jaqraw, jaqraw ħafna aktar kotba minn sħabhom.
- Huwa rrakkomandat li t-tfal u l-istudenti jaqraw tal-anqas 5 kotba fis-sajf.
- L-istudenti li tul is-snin tal-edukazzjoni primarja tagħhom ma jmissux ktieb bi jdejhom fis-sajf, sal-aħħar tal-primarja jistgħu jaqgħu lura b'sentejn fit-tagħlim ħdejn sħabhom li jaqraw.

Fid-dawl ta' dan kollu nistiednu lill-iskejjel u l-edukaturi biex jgħaddu dawn il-linji gwida lill-ġenituri/kustodji tat-tfal u lill-istudenti.

### Linji gwida għall-ġenituri/kustodji tal-istudenti biex jiżdied il-qari fis-sajf:

- Isħqu ma' wliedkom kemm hu importanti li jaqraw fis-sajf ukoll.
- Tkellmu fuq il-qari bħala attività ta' gost.

- Lit-tfal agħtuhom lista ta' kotba tal-qari xierqa għalihom.
- Waqt il-ġurnata għandu jkun hemm ħin li fih it-tfal ma jkunux jistgħu jilagħbu logħob diġitali u/jew jaraw it-TV.
- Ħudu lil uliedkom għal xi programm tal-qari għall-gost li se jsiru fil-libreriji pubbliċi.
- Ħallu lil uliedkom jagħżlu huma x'kotba jaqraw.
- Id-dar għandu jkun hemm materjal bħal kotba u rivisti xierqa li t-tfal ikunu jistgħu jaqraw.
- Ħudu regolarment lil uliedkom f'xi librerija pubblika jew tal-iskola u ħeġġuhom jissellfu l-kotba.
- Saqsu lil uliedkom u ddiskutu magħhom il-kotba li jkunu qraw.
- Aqraw il-kotba lil u/jew ma' wliedkom.
- Isimgħu lil uliedkom jaqrawlkom il-kotba jew jirrakkontawhomlkom.
- Araw liema hu l-awtur jew serje ta' kotba għal qalb uliedkom u aqrawhom kollha.
- Intom u tivvjaġġaw jew issiefru, isimgħu ktieb jew stejjer jinqraw fuq diska kompatta, ipod, tablet, radju, eċċ.
- Kunu ta' eżempju għal uliedkom kif għandu jsir il-qari.

Fil-paġna tal-Facebook 'Aqra fis-Sajf' għandkom issibu listi ta' kotba bil-Malti u l-Ingliż suġġeriti mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu - https://www.facebook.com/aqrafissajf/

Bħala parti mill-kampanja 'Aqra fis-Sajf', l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda għal darba oħra torganizza wkoll l-Isfida tal-Qari tal-Ministru – Kemm qrajt fis-Sajf! It-tfal kollha li jattendu xi attività tal-qari jew jissellfu l-kotba minn xi librerija pubblika jew tal-iskola se jingħataw karta li fuqha jridu jiktbu l-ismijiet tal-kotba li jkunu qraw fis-sajf. It-tfal li jaqraw tal-inqas ħames kotba jistgħu jirbħu ktieb jew kupun li jissarraf f'kotba f'lotterija li ssir apposta. Il-karti li fuqhom se jitniżżlu l-ismijiet tal-kotba jinġabru mil-libreriji pubbliċi u tal-iskejjel, u miċ-ċentri ta' Skolasajf mill-Animaturi tal-Aġenzija sat-28 ta' Awwissu 2017. Min ikun irid aktar informazzjoni, isibha fil-paġna tal-Facebook - https://www.facebook.com/aqrafissajf/

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**